# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt


## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Minuti

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

**Laqgħa Numru 77/2023**

Data: It-Tlieta 12 ta' Diċembru, 2023

Ħin: 18:00hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sur Pierre Dalli | Sindku |
| | Sur Clayton Portelli Cascun | Viċi Sindku |
| | Sur Mario Fava | Kunsillier |
| | Sur Mark Lombardo | Kunsillier |
| | Sur Ray Deguara | Kunsillier |
| | Dr Ryan Ellul | Kunsillier |
| Skużat/i : | Sur Charles Bonello | Kunsillier |
| | Sna Toshera Schembri | Kunsilliera |
| Assenti : | Sur Adrian Tanti | Kunsillier |
| | Gwenith Calleja | Segretarju Eżekuttiv |

## AĠENDA

77.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

77.2 MINUTI

77.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

77.4 PURCHASE REQUEST FORMS

77.5 ĦLASIJIET

77.6 FINANZI

77.7 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

77.8 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

77.9 IL-MILIED

77.10 KORRISPONDENZA

77.11 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

77.12 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

77.13 TRAFFIC MANAGEMENT

77.14 STAFF

77.15 MOZZJONIJIET

77.16 PLANNING AUTHORITY

77.17 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

77.18 MISTOQSIJIET

77.19 AĠĠORNAMENT

Is-Sindku radd is-salib u rringrazzja lil min kien involut fl-attivitajiet li ttellgħu matul ix-xahar li għadda.

## 77.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

**77.1.1** Kien kemm zewgt talbiet ta' apologija dik tal-Sur C Bonello li jinsab ma jiflahx u tas-Sna T Schembri. Il-kamra approvat dawn it-talbiet u awguraw fejqan ta' malajr lil Kuns C Bonello.

# KUNSILL LOKALI FGURA

Is-Sindku informa lil kamra li fix-xhar ta' Jannar 2024 se johrog ir-rapport ta' attendenza ghal kull membru tal-kunsill.

## 77.2 MINUTI

**77.2.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6608 76/23/8** 'Sabiex jiġu approvati l-Minuti tal-laqgħa 76/2023 bid-data tal-8 ta' Novembru 2023.

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 77.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

**77.3.1**. Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 77.4 PURCHASE REQUEST FORMS

**77.4.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6609/23/8** "Sabiex jiġu approvati PRFPO għal-laqgħa tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2023 kif inhu anness" (Ara DOK 'A' anness).

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 77.5 ĦLASIJIET

**77.5.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6610/23/8** "Sabiex jiġu approvati ħlasijiet minn 02/11/2023 sa 05/12/2023 kif inhu anness" (Ara DOK 'B' anness).

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**77.5.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6611/23/8** "Sabiex tigi approvata l-iskeda addizzjonali ta' ħlasijiet minn 06/12/2023 sa 12/12/2023 kif inhu anness" (Ara DOK 'C' anness).

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 77.6 FINANZI

**77.6.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6612/23/8** 'Sabiex tigi mgedda l-polza tas-sahha ghas-sena 2024 ghall-membri tal-Kunsill u anke l-Haddiema ghas-somma ta' mhux aktar minn €1500.'

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

Il-Kuns R Deguara xtaq issaqi rigward l-assikurazzjoni tas-sahha meta Kunsillier ma jigiex elett jibqax izomm l-istess polza sa l ahhar tas-sena. Il-Kuns M Fava irrisponda li jibqa zomma ghaliex il-polza tkun thalset mill-Kunsill rispettiv ghal sena, izda jekk ma jigiex elett dik tintemm gheluq l-istess sena. L-Assoccjazzjoni m'hiex f'obligu li tibqa thallas din il-polza ghal min ma jkunx elett.

**77.6.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6613/23/8** 'Sabiex jigi approvat 2nd Quarterly Financial Report ghas-sena 2023.'

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**77.6.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6614/23/8** 'Sabiex jigi approvat 3rd Quarterly Financial Report ghas-sena 2023.'

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**77.6.4** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6615/23/8** 'Sabiex jigi approvat id-draft Annual Budget ghas-sena 2024.'

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 77.7 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

**77.7.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward

## 77.8 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

**77.8.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6618/23/8** 'Sabiex jinhareg tender Supply of Road Marking Paint - Fgura Local Council.'

Din kienet sekondata mill-Vici Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

Il-Kuns M Fava accena sabiex ma jkunx fuq il bord tal-ghazla minhabba konflit ta' nteress.

**77.8.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6619/23/8** 'Sabiex jinhareg tender ghal gbir ta' skart goff hekk kif dak ezistenti jiskadi f'Gunju 2024.'

Din kienet sekondata mill-Vici Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 77.9 IL-MILIED

**77.9.1** Is-Sindku stqarr li l-unika hsieb li forsi jista jxekkel l-attivita' li ser titella fil-15 u 16 ta' Dicembru 2023, hi biss li nqala f'postijiet ohra minhabba s-sanita li jridu jkunu presenti sinkijiet bis-servizz ta' ilma shun, fejn issa hu tard wisq li jigu preparati. L-attivita' ghandha issir kif pjanat s'issa. Awgura li kollox imur sew.

**77.9.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6617/23/8** 'Talba minghand ic-Centru taz-Zghazagh Fgura ghal presepju haj li se jitella' nhar il-15 u 16 ta' Dicembru 2023 f'Milied fil-Pjazza ghas-somma ta' mhux aktar minn €500.'

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**77.9.3** Il-Kuns M Lombardo tkellem fuq id-dawl tal-Milied fit-toroq li kellu rispons tajjeb. Fis-sehh hemm zewgt kuntratti differenti, wiehed tal-Kumissjoni u l-kuntratt tal-Main Road kuntrattur differenti li tah sub contracting lit-terzi pesuni. Informa ukoll li l-Hamis 14 ta' Dicembru 2023 ser issir l-inawgurazzjoni tal-Wirja tal-Presepji ghar raba' sena konsekuttiva fejn gejjin zewgt klassijiet u cerimonja tibda fid-0930. Il-Kuns M Lombardo aprezza li intlaqa s-suggeriment tal-presepju haj li l-inizjattiva kienet tal-

iScouts u l-Kuns M Lombardo laqqaghhom mal-Fgura Youth Center fejn se jtellaw persepju haj flimkien.

## 77.10 KORRISPONDENZA

**77.10.1** Is-Sindku informa l-kamra wara l laqgha li kellu mas-Sa Shelica Camilleri u l-grupp taghha fejn dawn bhala NGO jaghmlu tip ta' morales, wera ix-xewqa li jitkompla l-hajt fejn l-HSBC. Dan ma kienx tkompla mill-artist li bdieh anke wara li s-Sindku prova jikkuntatjah baqa bla edba risposta. Is-Sa Camilleri presentat xi tpingijiet li jistghu jitkomplew mat-tpengija li diga hemm. Fl-opinjoni tas-Sindku u l-Vici Sindku dawn it-tpingijiet jikkumplimentaw sew ma li hemm diga. Il-Kuns M Lombardo issugerixxa li jekk ma jistax jitkompla jergha jinzobogh il-hajt kollu abjad u jibdew mill-gdid. Il-progett per se huwa ukoll ta' fejn l-iskola ghax huma joffru l-arti taghhom favur il-paci, tpengija ghat-tfal fejn jistghu ipengu mal-art u mall-hitan u fuq l-ambjent. Ghalissa ha morru fuq il-progett ta' fejn l-HSBC sabiex ikun jista jinbeda l-process. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6616/23/8** 'Talba minghand Ms Shelica Camilleri ghal Proposal for a Community Art Project fil-Fgura, ghas-somma ta' mhux aktar minn €250.'

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**77.10.2** Is-Sindku informa l-kamra li bhal kull sena f'dan iz-zmien tal-Milied issehh l-inizzjattiva 'Rigal b'Imhabba' mill-Mara tal Prim Ministru fejn jingabru rigali ghal persuni inqas ixxurtjati. Din is-sena kull kunsill inghata sigra hajja fejn jitpoggew ir-rigali li jingaghbu l-kunsill mir-residenti u fi 20 ta' Dicembru jittiehdu Pjazza Kastilja, fejn wara jigu mqassam mill-Mara tal-Prim Ministru. Is-sigra wara tista tithawel fil-lokalita.

**77.10.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6620/23/8** 'Sabiex tintlaqa r-rikjesta tas-Sna Shania Debattista biex taghmel 20hr volontarjat fi hdan il-Kunsill Lokali tal-Fgura.'

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 77.11 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**77.11.1** Is-Sindku informa l-kamra li t-trofew li kienet inghatat f'gih il-hidma favur l-annimali giet irritornata fil-binja tal-kunsill. Ghaldaqst tant is-Sindku talab lis-Segretarju sabiex tinforma lil Avukat Dott Dunstan Camilleri halli jitwaqqaf kull process legali li setgha kien hemm vs il-Kuns A Tanti. B'hekk il-kas jista' jissejjah konkluz.

**77.11.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6621/23/8** 'Sabiex dan il-Kunsill jagħmel riklam fil-kalendarju tal-Għaqda Muzikali u Socjali Madonna tal-Karmnu Fgura għal prezz ta' mhux izjed minn €150.'

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**77.11.3** Is-Sindku informa li waqt laqgħa tar-Regjun, ir-Regjun Port qiegħed f'taħdidied biex imorru għal-Belt Kapitali 2031. Apparti hekk, ma dan il-progett mieghu ikun hemm marbuta progetti ohrajn halli gala darba il-progett jigi maghzul ikunu inkluzi ukoll progetti ohra u bhala Sindku u anke il-Vici Sindku l-progett tal-Kunsill kien Wied Blandun. Bhal ma tafu hu prijorita ghal-Fgura peress li hu l-unika Wied. Taht il-Perit Alistair Avellino kien sar studju, fejn diga ghandu progett imfassal bejn wiehed u iehor kif jista jigi ghal-ahjar Wied Blandun. Jekk bhala Kunsill naqblu fuq dan il-progett, ghalkemm il-Kunsill qatt ma kien involut fl-istudju li sar minn barra, bis-sahha tal-Vici Sindku wkoll dan jista jigi mnizel ukoll fil-Bidbook. Il-Bid Book huwa parti mill-progett minn Regjun Port u jkun imdahhal ghal Belt Kapitali 2031.Dan huwa progett kbir li anqas il-gvern stess ma wasal li jindukrah u b'hekk ikun marbut ma' skema ewropeja, u jekk tintaghzel in-naha ta'isfel kull lokalita trid tiprezenta progett ambjentali li jkun sostenibli, fejn jista jigi kkurat. B'hekk tgawdi l-Fgura wkoll. Dan il-progett ghandu l-appogg tal-Kunsill kollu.

**77.11.4** Is-Sindku informa l-kamra li hareg ir-rapport ta' l-NSO fejn juri li l-Kunsill tal-Fgura nehha d-deficit u sar kambjament u qeghdin b'*surplus* ta' €4,355, kif ukoll, li l-Kunsill ghandu kapital sostenibli. Dan juri li bil-kapacita ta' kulhadd, fit-tmiem l-legislatura, l-Kunsill irnexxilu jaghlaq b'surplus.

## 77.12 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

**77.12.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6622/23/8** 'Talba lil Infrastructure Malta sabiex tinghata saff asfaltar il-parti gdida ta' Triq Valperga fejn diga hemm ir-residenti joqghodu.'

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 77.13 TRAFFIC MANAGEMENT

**77.13.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6623/23/8** 'Talba ghal un/loading fi Vjal Kottoner quddiem Busy Bee li ser jiftah dalwaqt. Din it-talba ma gietx milqugha minhabba li hemm unloading fil-qrib ta' l-istess imsemmija zona.'

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 77.14 STAFF

**77.14.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6624/23/8** 'Sabiex ir-rikjesta tas-Sna Ritianne Bonnici Assistent Principal mal-Kunsill Lokali tal-Fgura fejn qed titlob biex 30.75hrs vacation leave li ma ttiehidx fis-sena 2023 jigi mgedded u mehud fis-sena 2024, tigi milqugha.'

Din kienet sekondata mill-Vici Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**77.14.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6625/23/8** 'Sabiex ir-rikjesta tas-Sna Zvetlana Pace skrivana assenjata mal-Kunsill Lokali tal-Fgura fejn qed titlob biex 42.25hrs vacation leave li ma ttiehidx fis-sena 2023 jigi mgedded u mehud fis-sena 2024, tigi milqugha.'

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

## 77.15 MOZZJONIJIET

**77.15.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward

## 77.16 PLANNING AUTHORITY

**77.16.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward

## 77.17 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

**77.17.1** Is-Sindku stieden lill-Kuns R Deguara sabiex jaghmel l-intervent min naha tieghu. Il-Kuns R Deguara ressaq mozzjoni ref: **6626/23/8** 'Sabiex issir harga ghal Ghawdex nhar Hadd il-Palm 24 ta' Marzu 2024 ghas-somma ta' mhux aktar minn elf euro (€1,000).'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

Il-Kuns R Deguara informa li is-Sa Cynthia Formosa wriet ix-xewqa li toffri sezzjonijiet fuq Activ Aging and Community Care. Il-Kuns R Deguara flimkien ma Sindku qablu li l-ewwel pass hu li jiltaqgha maghha l-korrispondenza tghaddi b'email lis-Segretarju Ezekuttiv.

**77.17.2** Is-Sindku u l-Vici Sindku bdew jaqraw l-progress ta' hidma tal-Kuns C Bonello fin-nuqqas tal-prezenza tieghu. Is-Sindku beda bil-kuncert ghall-Milied –

1. Il-preparamenti huwa kollha ffinalizzati. Il-Kuncert ser isir mill-banda tal-lokal u ser isir bhala l-ftuh tal-Pjazza fil-Milied gewwa Pjazza Reggie Miller. Il-Compere ser tkun Maria Ellul u jibda fis-7.15pm.

**Milied fil-Pjazza**

2. Il-preparamenti huma kollha ffinalizzati u nahseb li jekk it-temp jippermetti ser ikun attivita tajba hafna mifruxa fuq jumejn. Il-partecipazzjoni tal-ghaqdiet kif ukoll ta l-artiggjana ser tkun tajba hafna flimkien ma numru ta inizjattivi kemm bhal tas-sena l-ohra kif ukoll godda. Il-line up ta entertainment li ser ikollna fuq il-palk principali huwa wkoll wiehed tajjeb hafna ukoll. Nisperaw li t-temp jippermetti.

**77.17.3** Wara s-Sindku kompla bl-Irham mal-bazi tal-Bandiera ta' Triq il-Karmnu. Il-marmista rega baghat id-dettalji, il-Kuns C Bonello mar fuq il-post fejn rega' sar il-kejl. Jidher li l-armi proposti mill-marmista huma zghar u gie mitlub sabiex jirrevedi l-qisien. Ser ikun qed ikellimna fil-granet li gejjin u nkunu nistghu mmexxu.

**77.17.4** Ir-rispons ghall-Isbah Faccata fil-Milied bdew dehlin. Ga ghandna iktar partecipanti mis-sena li ghaddiet. L-applikazzjonijiet jaghalqu fit-23 ta' Dicembru u l-aggudikazzjoni ser tkun skedata ghall-gimgha ta' wara. Din l-inizjattiva qed isir bil-ghajnuna ta' *Chain Supermarket* fejn ser jisponsorja l-premjijiet. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6627/23/8** 'Dan il-Kunsill ghandu jiehu sehem fl-attivita tal-isbah faccata fil-Milied ghal spiza ta' mhux aktar minn €500.'

Din kienet sekondata mill-Vici Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**77.17.5** Is-Sindku informa l-kamra li l-Kuns C Bonello qed jahseb fl-attivita' tal-Karnival, li ghal din is-sena qed ikun skedat ghall-Hadd 11 ta' Frar filghodu. Madankollu, minhabba li l-probabilita' hija li sa dak iz-zmien tkun bdiet ir-rikostruzzjoni ta' Vjal Kottoner, u allura din it-

triq, jew partijiet minnha ser ikunu maghluqin, qed jitlob il-permess tal-Kunsill sabiex ikollu ftit flessibilita' kemm fid-data kif ukoll fil-lok fejn ser isir il-karnival. L-intenzjoni hi l-karnival issir fil-11 ta' Frar quddiem il-Kunsill izda wiehed irid jara u jiddecidi skond ic-cirkostanzi. Alternattivi li jistghu jigu kkunsidrati huma Vjal Kottoner (bejn Pjazza Kunsill tal-Ewropa u Triq Bormla) jew Triq is-Sur (bejn Hompesch u Triq it-Taghlim).

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6628/23/8** 'Sabiex dan il-Kunsill jiehu sehem fil-Karnival 2024 ghal spiza ta' mhux aktar minn €10,000, fejn jinkludu attivita u kompetizzjoni tal-isbah maskla.'

Din kienet sekondata mill-Vici Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**77.17.6** Is-Sindku stieden lil Vici Sindku sabiex jaghmel l-intervent tieghu. Il-Vici beda dwar il-progett tal-*Green Corridor*, li jinsab vicin sabiex jinghata l-konkos, il-kisi u l-qattran biex wara titpogga l-hamrija. Qed isiru tahdidit ma' Stephen Ellul il-Kap Ezekkuttiv ta' *Project Green* biex jekk jistghu jassistu fejn jidħol finanzjament tal-irrigation anke' ghall-vertical garden.

## 77.18 MISTOQSIJIET

**77.18.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 77.19 AĠĠORNAMENT

**77.19.1** Il-laqgħa ntemmet fis-18:45hrs.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 17 ta' Jannar, 2024 fis-18:00hrs.

Is-Sindku awgura l-festi t-tajba lil kulhadd.

Is-Sur Pierre Dalli
Sindku

Is-Sa Gwenith Calleja
Segretarju Eżekuttiv

Data:12 ta' Dicembru, 2023